**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Seduta D.I.E.R.**

**Illum:** 6 ta' Gunju, 2018

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sylvana Zrinzo Azzopardi)**

**-vs-**

**Sabri Abdelaziz Khalifa detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 177795M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża migjuba fil-konfront tal-imputat Sabri Abdelaziz Khalifa u ċioè talli:

> Fil-kwalita' tieghu ta' direttur u/jew segretarju ta' kumpanija u/jew rappreżentant ġuridiku tas-socjeta' kummerċjali 'Tal-Merħba Company Limited (C71520)', b'indirizz reġistrat 'Blooms', Flat 1, Triq il-Ġifen, San Pawl il-Baħar, Malta u/jew bħala l-persuni li kien nkarigat mill-istess soċjeta' kummerċjali sabiex jħallas l-pagi dovuti, naqas li jħallas l-**Pagi** għall- perjodu ta' bejn it-28 ta' Jannar 2016 u s-17 ta' Marzu 2016, ammontanti għal **€2927.16**, naqas li jħallas **Overtime** għall-perjodu ta' bejn it-28 ta' Jannar 2016 u s-17 ta' Marzu 2016 ammontanti għal **€2,299.18**, naqas li jħallas **Vaganzi Pubbliċi** għall-10 ta' Frar 2016 ammontanti għal **€186.84**, naqas li jħallas **Vacation Leave** għall-perjodu ta' bejn it-28 ta' Jannar 2016 u s-17 ta' Marzu 2016 ammontanti għal **€270.19**, naqas li

jħallas **Weekly Allowance** għall-perjodu ta' bejn it-28 ta' Jannar 2016 u s-17 ta' Marzu 2016 ammontanti għal **€33.55**, naqas li jħallas l-**Bonus** għall-perjodu ta' bejn it-28 ta' Jannar 2016 u s-17 ta' Marzu 2016 ammontanti għal **€37.00**, naqas li jħallas **Notice Period** għall-perjodu ta' bejn it-18 ta' Marzu 2016 u l-24 ta' Marzu 2016 ammontanti għal **€415.38**, li b'kollox jammontaw għal erbat elef tlett mija u disgħa u sittin ewro u tletin ċenteżmu **(€4369.30)**, inklużi t-taxxa u l-bolla u li kienu dovuti lil ex-impjegat tiegħu, u ċioe' lil **Engin Turk (I.D. No. 25634A)**.

Għaldaqstant, il-Qorti ġiet mitluba tordna lill-imputat, ai termini tal-Artikolu 45(1) tal-Kapitlu 452 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex iħallas il-penali skond il-Liġi, kif ukoll tordna lill-imputat, ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kapitlu 452 u tar-Regolament 22 tal-Avviż Legali 247 ta' l-2003 kif emendat bl-Avviż Legali 427 ta' l-2007 u 259 ta' l-2012 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex iħallas lil **Engin Turk (I.D. No. 25634A)** l-ammont ta' erbat elef tlett mija u disgħa u sittin ewro u tletin ċenteżmu **(€4369.30)** għar-raġunijiet hawn fuq speċifikati.

Rat id-dokumenti;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat-

Illi l-parte leza, **Engin Turk**, spjega kif kien sar jaf bl-impjieg mal-imputat tramite habib tieghu li kien gja qed jahdem mal-imputat u gie offrut impjieg bhala manager fil-lokal bl-isem Tal-Merhba Kebab Place.[1] Beda jahdem madwar gimgha jew ghaxart ijiem qabel li fetah il-hanut meta kienu qed isiru l-preparamenti ghall-ftuh. Peress li kienu tlieta biss jahdmu fil-hanut, Turk kien jilmenta mal-imputat li kellu bzonn jimpjega aktar nies, izda dan kien dejjem jittrateni.[2]

Dwar sighat li ghamel jghid li fl-ewwel jumejn ghamel madwar 16-17 il-siegha ghax kien jahdem kemm bhala manager kif ukoll chef fil-kcina peress li chef ma kienx hemm.[3] Wara gimghatejn ta' hdima nduna li l-imputat ingagga persuni li kienu jidhlu jfittxu impjieg mit-triq, ihaddimhom ghal ftit jiem imbghad jghid lil Turk biex <u>jinfurmahom biex ma jirritornawx ghax-xoghol ghax kienu bi prova</u>. <u>Kien anke jordna lil Turk jixtri s-supplies ghal restaurant minghajr ma jhallas VAT u Turk kien</u>

[1] Fol.26
[2] Fol.27
[3] Fol.27

argumenta mieghu li dan ma kienx lest jaghmlu u jidhol f'inkwiet. Qallu li ma riedx ikompli jahdem mieghu peress li l-impjieg tieghu ma kienx kif mifthiem fejn sahansitra l-imputat kien ihalli lil ibnu ta' 5 snin jahdem fuq il-cash.[4] L-imputat kien weghdu li l-affarijiet ser jitbiddlu izda dan ma ghamlux u wara gimghatejn l-affarijiet regghu marru lura ghal li kienu. Kien f'dan iz-zmien **li l-imputat infurmah li ma kienx ser ihaddmu mieghu izjed** u hallsu €900 tal-ahhar gimghatejn izda ghall-kumplament qallu li ma kienx ser jithallas ghaliex kien bi prova.[5] Jixhed li rcieva l-paga ghall-ahhar gimghatejn xoghol - €450 fil-gimgha[6] izda ma thallasx tal-overtime, xoghol il-Hdud u f'festi pubblici.[7]

Riprodott in kontro-ezami Turk jikkonferma li hu qatt ma ddiskuta mal-imputat dwar il-hinijiet li kien suppost jaghmel. Kien beda bhala manager izda mal-ftuh ma kienx ghad hemm chef u ghalhekk kien qed jaghmillha ta chef kif ukoll ta' manager. Kien ukoll jahdem wara l-counter sa nofs il-lejl jew is-2am[8] u l-imputat kien jghidlu *"if I dont stay he will close the shop"*.[9] **Turk jiddikjara li l-paga miftehma kienet bejn €1600-€1800**.[10]Muri dokument bis-sighat mahduma jinnega li kien hu li ingassa b'salib ghad ta' sighat; [11]il-Qorti tinnota li ghalkemm kien ikun utli li wiehed isir jaf ghalxhiex dawk is-sighat kienu qed jirreferu, madanakollu l-akkuza hi dwar perjodu li jibda fit-28 ta' Jannar, 2016 u ghalhekk wara id-dati maqtugha b'salib.

Rega' kkonferma dak li qal fl-ezami u cioe` li wara li kien ilu xahar jahdem mal-imputat ried jitlaq mill-impjieg peress li l-imputat baqa' ma rregistrahx bhala impjegat izda talbu zmien biex jirregolarizza l-posizzjoni tieghu. Gara izda li gimghatejn jew tlett gimghat wara qalu li ma riedx jirregistrah *"I told him ok pay me and I leave...He didnt want to pay me as well that, no. He didnt want, even before immediately pay me but from beginning and last week he didnt want to give me because he told me you're on trial...And I told him I have overwork ...I was extra on Public Holidays, on Sundays because if I'm not there he had to close the shop[12].......And last payment I had to go to my lawyer,*

[4] Fol.28
[5] Fol.29
[6] Fol.30
[7] Fol.31
[8] Fol.65
[9] Fol.66
[10] Fol.71
[11] Fol.67
[12] Fol.70

*....and to send letter then he had to give me. Even he didnt want to gove last two (2) weeks."*[13]

Illi **Seuket Ozmer** kien jahdem mal-imputat u ma Turk fil-hanut tal-Kebab. Kien jaf lil Turk bhala l-manager.[14] Jghid li l-imputat ma kienx ihaddimhom skond il-ligi. Dwar Turk jghid li dan **kien il-manager izda kien jahdem il-hin kollu mieghu fil-kcina kif ukoll wara l-counter.** Is-sighat li kien jaghmel Turk kienu mit-8am sa 8pm. Kien hemm granet fejn anke ghamel aktar minn 12 il-siegha peress li l-imputat ma kellux aktar staff u kellhom jahdmu mill-hin li jiftah il-hanut sakemm jaghlaq. Jikkonferma li beda jahdem mal-imputat anke qabel ma fetah il-hanut u dan sabiex jaghmlu x-xoghlijiet li kien hemm bzonn.[15] Kien gja qed jahdem mal-imputat meta nforma lil Turk li l-imputat kellu bzonn manager. Qabel ma fetah il-hanut kienu qed jahdmu mat-tlettax il-siegha kuljum jlestu sabiex jifthu ghall-pubbliku. Ozmer jghid li ghalkemm hadem mal-imputat ghal sitt xhur hu ma kienx qed jahdem legalment. [16]

**Il-Qorti ma tistax ma tinnotax li Ozmer jikkoroborra u jikkonferma hafna mid-dettalji rakkontati minn Turk, inter alia, li anke hu ma kienx rregistrat nhala impjegat tieghu, kienu bdew jahdmu jiem qabel il-ftuh tal-hanut, is-sighat u x-xoghol li kien jizvolgi Turk.**

Illi **Jonathan Caruana** in rapprezentanza tad-dipartiment tal-impjiegi u r-relazzjonijiet industrijali xehed kif l-parte leza, Engin Turk, kien ilmenta li ma kienx qed jircevi overtime fl-impjieg tieghu bhala manager. Kien sostna li kellu paga ta' €10.38 is-siegha u ghalhekk meta pprezenta dettalji dwar is-sighat li sahaq li ghamel,[17] l-ammont dovut gie kalkolat b'dik ir-rata.[18] Ix-xhud kien prova ghamel kuntatt mal-employer diversi drabi izda qatt ma hadu risposta minghandu.[19] Mill-ittri esebiti jirrizulta li dawn intbaghtu fl-indirizz residenzjali tal-imputat.[20]

Illi **Joseph Saliba** in rapprezentanza ta' Jobsplus xehed li Turk qatt ma kien registrat bhala impjegat mal-imputat jew ma Tal-Merhba Company

---

[13] Fol.72
[14] Fol.22
[15] Fol.23
[16] Fol.24
[17] Dok, JC1 a fol.8-9
[18] Fol.4-5
[19] Fol5-6. Vide
[20] Dok. JC3 - ittri mibghuta f'Gunju, Lulju 2016 a fol.10-15

Limited.[21] Id-difiza b'verbal tal-14 ta' Frar, 2017, ikkoncediet li l-imputat kien id-direttur tal-kumpanija Tal-Merhba Company Limited.[22]

**Hi indikazzjoni tal-attitudini u l-imgieba tal-imputat versu l-awtoritajiet u l-ligijiet tal-pajjiz li filwaqt li naqas milli jirregistra l-impjieg ta' Turk, ma wiegeb ghall-ebda kommunikazzjoni mibghuta lilu mid-diaprtiment.[23] L-istess menefregizmu jirrizulta mill-fatt li l-imputat kien ihaddem nies u jkeccihom wara xi jiem billi jghidilhom li kienu bi prova u ghalhekk ma kienx hemm dritt ghall-hlas!! Naqas milli jirregistra anke lil Ozmer u skond Turk kien jordnalu jixtri s-supplies minghajr hlas ta' VAT!**

Illi l-imputat **Sabri Abdelaziz Khalifa** ghazel li jixhed u esebixxa riklam li l-hanut kien ser jiftah fil-5-7 ta' Frar.[24] Jinsisti li Turk ma kienx jahdem mieghu qabel dik id-data – minkejja li kemm Turk u Ozmer jghidu mod iehor – u li beda jahdem fil-5 ta' Frar, 2016. Khalifa jghid li ghalkemm Turk qal li kien kapaci jaghmel hafna xogholijiet hu ried li l-ewwel jara b'ghajnejh x'jista jaghmel. Hawnhekk jigi mfakkar dak li xehed Turk meta qal li l-imputat kien qallu li kien bi prova u ghalhekk ma kienx intitolat ghall-hlas, u l-istess li jghid li ghamel ma impjegati ohra li kien ihaddimhom ghal ftit jiem bi prova imbghad ikeccihom u b'hekk dawn jisfaw bla hlas. Ir-rata miftehma kienet ta' €4.50 is-siegha u mhux €10.38.[25] Fl-10 ta' Marzu, 2016, kien temmlu l-impjieg wara li halla barra xi lahmijiet. Dwar il-kundizzjonijiet tax-xoghol ta' Turk jghid li kien jiehu gurnata off fil-gimgha; kien jahdem ghal tmien sighat kuljum, u jichad li hadmu mieghu qabel il-5 ta' Frar.[26] Ikkonferma li hallas €900 izda li l-imputat kiteb li dak l-ammont kien ghal gimghatejn paga.[27] **Jikkonferma ukoll li ma tahx cans jahdem in-notice u fil-fatt qabad u keccieh** peress li beza li jekk javzah bit-terminazzjoni tal-impjieg minn qabel, dan kien ser jivvendika ruhu billi jaghmillu *"xi haga gol-affarijiet.....U ghidtlu daqshekk biex jien tajtek hafna cansijiet. Il-hin kollu fuq it-tablet. Gej fuq ix-xoghol bit-tablet."*[28]

In kontro-ezami jinsisti li r-refurbishment sar esklussivament minnu[29] bl-ghajnuna ta' haddiema li wahhlu l-madum, installaw id-dwal u ghamlu d-

---

[21] Fol.16-17
[22] Fol.3
[23] Dok. **JC3** a fol.10 et seq.
[24] Dok. AK fol.54
[25] Fol.36-37
[26] Fol.38
[27] Fol.39
[28] Fol.39
[29] Fol.40

displays. Jghid li Turk kien mar ikellmu qabel ma fetah il-hanut. Hawnhekk jaghmel zball li ma harabx lill-Qorti meta jiddeskrivi li waqt li Turk kien il-hanut tnehhiet magna bl-ghajnuna tal-istess Turk ***"U nehhejna,"*** izda mill-ewwel jikkoregi ruhu *"nehhejtha dik il-magna, tellajtha gol-vann tieghi"* – sforz notevoli biex juri li Turk ma kellu l-ebda rwol fix-xoghlijiet li kienu qed isiru fil-hanut abel il-ftuh tieghu.[30]Anke dwar ir-reklam jghid dan ***"....hu kien jaf bih. Kien inqassmuh".***[31] Kif seta' Turk ikun jaf bih jekk il-ftuh sar fil-5 ta' Frar, fil-jum tal-bidu tal-impjieg tieghu? Dwar Ozmar jikkonferma li kien impjegat mieghu bhala chef sa mill-bidu nett izda mhux qabel il-ftuh tal-hanut.[32] Jishaq li fil-hanut Turk biss kien jghinu izda kien hu u martu li gabu l-magni mill-forn tieghu ta' Bormla b'karetta.[33]

Khalifa imbghad jikkonferma *"Il-ftehim hekk illu he meta gie qalli jiena m'ghandix xoghol. Ghidtlu jien ha nipprova l-ewwel….Il-ftehim illi hekk. Illi huwa ha jibda x-xoghol….Illi jghin lil haddiehor* ***sakemm nara ix-xoghol tieghu."***[34] Il-haddiema kienu jahdmu b'shift, matul il-gurnata Ozmer u Turk u mal-lejl persuna ohra.[35] Khalifa jghid li filwaqt li impjegati l-ohra kienu jiehd gurnata off, l-impjegat li xogholu kien jaghmel is-salads ma kienx *" Le dak ma kienx"*[36] – **ammissjoni ohra mill-imputat tan-nuqqas t'osservanza tal-ligijiet vigenti!** L-imputat jallega li Ozmer u Turk kienu miftehmin bejniethom biex jiehdulu l-hanut bil-kera u kien ghalhekk li xehdu kontrieh.[37]

Il-verzjoni tal-imputat tikkonferma li f'mohhu dejjem kellu t-tir li qabel ma jzomm lil Turk fl-impjieg, ried jaghtih zmien ta' prova. Jirrizulta wkoll li hu qabad u tterminalu l-impjieg minghajr notice jew hlas b'kumpens. L-imputat jonqos milli jipprova l-kaz tieghu sal-grad tal-probbabli fejn hemm mankanza totali ta' provi biex jissostanzjaw dak allegat minnu. L-unika prova li gab l-imputat dwar il-bidu tal-impjieg ta' Turk hu riklam tal-ftuh tal-hanut li jibqa ma jxejjen xejn mill-verzjonijiet tax-xhieda ta' Ozmer u ta' Turk li kienu qed jahdmu mal-imputat qabel li fetah il-hanut.

Anzi din id-data tal-5 ta' Frar, tikkorobora x-xhieda ta Turk li beda jahdem madwar gimgha qabel il-ftuh tal-hanut, u cioe` it-28 ta' Jannar, 2016 u

[30] Fol.41
[31] Fol.40
[32] Fol.42
[33] Fol.43-44
[34] Fol.45
[35] Fol.47
[36] Fol.48
[37] Fol.50

max-xhieda ta' Ozmer li ma jridx jintnesa li hu jinsisti li kien gja gie impjegat mal-imputat qabel il-5 ta' Frar; cirkostanza li konvenjement ma tissemmix mil-imputat li jaghti l-impressjoni li l-preparamenti sabiex hanut jigi arredat u lest ghall-ftuh saru interament minnu! Fid-dawl ta' dan kollu l-qorti ma tistax tqis ix-xhieda ta' Khalifa bhala wahda li hi *safe and satisfactory*, li ghandha mis-sewwa. Temmen izda li l-imputat ghazel li jiftah u jmexxi hanut b'mod ghal kollox dilettantesk fejn l-osservanza tal-ligijiet ma kellha ebda rwol anzi fejn ghamel minn kollox sabiex jisfrutta bla skruplu l-hidma ta' persuni biex ihaxxen butu filwaqt li jevadi l-obbligi legali li hu marbut bihom inter alia bhala employer! Ix-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni kienu kredibbli u konsistenti, fejn bosta kienu dawk il-provi cirkostanzjali li komplew jikkoroboraw dak il-kaz tal-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wara li ezaminat il-provi migjuba tqis li l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi fis-sens li gie pruvat li l-imputat naqas milli jhallas lill-impjegat tieghu pagi, overtime, vaganzi pubblici, kumpens ghal vacation leave, bonus u notice period.

Ghal dawn il-mottivi wara li rat l-artikoli 5, 22, 23, 25, 45, 46, u 47(2) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolamenti 8 u 22 tar-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Hin tax-Xoghol, Avviz Legali 247 tal-2003, l-artikolu 3 tal-Ordni ta' Standard Nazzjonali dwar Allowance fil-Gimgha (Avviz Legali 112 tal-1988), issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal multa ta' €1,000.

F'kaz li tali ammont ma jithallasx hekk kif ordnat, ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

Illi l-Qorti giet prekluza milli taghmel ordni ai termini tal-artikolu 45(2) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali biex Turk jithallas l-ammont ta' €4,369.30, u dan tenut kont tal-konferma ta' Turk li l-paga kienet bejn €1,600-€1,800 fix-xahar. Inoltre` u in vista tal-fatt li dan thallas €900, tali ammont ghandu jitnaqqas mill-ammont totali dovut lilu.

Ghahekk fid-dawl tas-suespost qed tordna, ai termini tal-istess artikolu 45(2) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, lill-imputat sabiex ihallas lil Engin Turk id-diversi ammonti dovuti lilu li ghandhom jigu kalkolati mill-gdid mhux abbazi tar-rata ta' €10.38 izda fuq paga mensili ta' €1,600 li aktar tidher li hi definnitiva. Fl-ahhar ghandhom jitnaqqsu wkoll id-€900 imsemmija.

Ai termini tal-istess sub-artikolu din l-ordni ghandha l-istess forza u effett u hija esegwibbli bl-istess mod daqslikieku inghatat f'kawża ċivili bejn l-impjegat u l-prinċipal.

Illi ta' spiss il-Qorti thossha fid-dover tirrimarka li kull ma jmur qed jigu krejati prattici minn min ihaddem li huma intizi biex jiffrodaw u f'kazijiet anke jisirqu lill-erarju, u mhux semplicement biex jisfruttaw lill-impjegat. Hafna drabi anke l-impjegat jasal ikun kompartecipi mal-employer f'dawn id-delitti peress li jara biss sa mniehru w iqis biss li ser jiffranka minn hlasijiet ta' taxxa, minghajr ma jqis li fl-ahhar mill-ahhar ser ikun vittma tal-ghemil tieghu stess meta fiz-zmien opportun jigi kalkolat l-ammont ta' kontribuzzjoni socjali li jkun hallas tul is-snin u jinsab li ma jkunx intitolat ghal diversi beneficcji inkluz pensjoni denja.

Ta' spiss jirrizulta li min ihaddem jonqos milli jghaddi l-kontribuzzjonijiet mnaqqsa mis-salarju tal-impjegati tieghu lill-erarju jew jonqos milli jghaddi lill-erarju dak l-ammont li jkun effettivament dovut. Meta d-Dipartiment tal-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali isir jaf b'dan fil-kors ta' investigazzjonijiet tieghu, jiskatta obbligu civiku li jigu nfurmati awtoritajiet ohra b'kompetenza li jiggieldu tali abbuzi. Hu essenzjali li l-awtorijiet koncernati jigbdu habel wiehed sabiex jigi assigurat li dak dovut lill-erarju ma jispiccax fil-bwiet ta' terzi. Ghandu jkun hemm sinergija bejn id-dipartiment tal-Kummissarju ghat-Taxxi, d-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali w il-Pulizija Ezekuttiva biex kwalunkwe forma ta' abbuz tigi missielta b'sahha u determinazzjoni. Il-beneficcji socjali li ngawdu f'pajjizna, nkluz fil-qasam edukattiv u tas-sahha, huma frott ta' taxxi u kontribuzzjonijiet fiskali ohra, u ghalhekk ghandu jkun hemm impenn kollettiv biex transgressjonijiet simili fejn lill-erarju jigi deprivat minn dak dovut lilu jigu eradikati.

Fl-ahhar nett ghandu jigi kunsidrat li tinghata pubblicita` anke fuq il-mezzi tax-xandir permezz ta' kampanji edukattivi, mhux biss dwar x'inhuma d-drittijiet tal-impjegati izda anke ta' dawk il-prattici intizi biex jisfruttaw lil impjegat. Konsiderazzjoni ohra li tista' sservi wkoll ta' deterrent hi li fejn jigi determinat xi forma ta' abbuz minn min ihaddem, id-dipartiment jaghti pubblicita` ghal dan il-fatt anke permezz ta' registru li jkun accessibbli *online*; fejn trasgressuri w l-istabbiliment/i gestit/i minnhom jissemmew b'isimhom.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi kommunikata lid-Direttur responsabbli għall-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, u lil Kummissarju ghat-Taxxi.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Magistrat**